***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 303 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar talba mqajma mill-Onor. Karol Aquilina dwar kumment tal-Onor. Alex Muscat waqt laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-Seduta Parlamentari 301 tad-19 ta' Frar 2020 l-Onor. Karol Aquilina talab lis-Sedja biex tagħti *ruling* u tieħu l-azzjoni neċessarja fir-rigward ta' diskors li l-Onor. Alex Muscat qal waqt laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tat-18 ta' Frar 2020 u nikkwota:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, ilbieraħ kien hemm laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li matulha, f'argument li nqala' bejn il-Membri, l-Onor. Alex Muscat għamel din id-dikjarazzjoni u beda jakkuża lili b'dan il-kliem:
>
> > "Int tibgħat lil ħuk meta konna msakkrin hawn ġew, tibgħat lil ħuk jheddidna, tibgħat lill-ħuk jheddidna."
>
> Naturalment dan il-kliem m'għandux mis-sewwa, mhuwiex veru li jien qatt bgħatt lil ħija jhedded lil xi Membru Parlamentari u lanqas huwa veru li ħija qatt hedded lil xi Membru Parlamentari. Allura f'din l-ewwel okkażjoni xtaqt nitlob lill-Onor. Muscat li jew jissostanzja dan li qed jgħid jew inkella jirtiraha, inkella fin-nuqqas nitolbok tieħu azzjoni.
>
> **L-ISPEAKER:** La qed tgħidli x'ġara fil-PAC, ovvjament ma segwejtx imma nifhem li … Ħalli nistaqsi lis-Segretarju Parlamentari jara daqsxejn il-kumment tiegħu u fiċ-ċirkostanzi tara l-pożizzjoni tiegħek. Is-Segretarju Parlamentari Alex Muscat.
>
> **ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, fil-fatt ilbieraħ meta konna waqt il-Public Accounts Committee, f'mument żvijjajna ftit mid-diskors li kien għaddej dwar l-operat marbut mal-MTA u erġajna morna lura għad-dimostrazzjonijiet vjolenti li kienu qegħdin isiru f'Diċembru li għadda. Jien hemmhekk semmejt viċenda partikolari, fejn kien hemm persuna partikolari - għandi anke xhieda miegħi - li ġiet tittantana u jien ma ddejjaqt xejn ngħid dak id-diskors. Nirringrazzjak.
>
> **L-ISPEAKER:** Ħu paċenzja, Onor. Muscat. L-inċident kien inċident imma d-diskors li għedt tissostanzjah jew tirranġa l-kumment?
>
> **ONOR. ALEX MUSCAT:** Din mhijiex kwestjoni li tirranġa. Dan huwa stat ta' fatt.
>
> **L-ISPEAKER:** Kollox sew, stat ta' fatt. L-Onor. Karol Aquilina.
>
> **ONOR. KAROL AQUILINA:** Ma jistax ikun stat ta' fatt għaliex dak il-fatt qatt m'eżista. Allura jien qed niċħad bl-iktar mod kategoriku li jien qabbadt lil xi ħadd. Qed jattribwili affarijiet li mhumiex minnhom u allura nitlob lis-Sedja, anke ġaladarba reġa' kkonferma issa stess, li skont l-i*Standing Orders* tieħu l-miżuri neċessarji u tagħti *ruling* f'dan ir-rigward.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Se nieħu l-aħħar kumment. Il-Ministru Michael Falzon.
>
> **ONOR. MICHAEL FALZON:** Jien ma kontx fil-laqgħa tal-kumitat. F'dan il-każ inkwestjoni kien hemm id-*drones* iduru biex jaraw minn fejn konna se nipprovaw noħorġu – u dan il-kliem diġà għedtu – u grupp ta' persuni minnhom, li ġew wara li xi

ħadd ikkomunika bid-*drones*, minbarra li bdew iwaddbu bajd minn fuq is-sur u boroż bil-pipì – biex inkun pulit – bdew jheddu. Jien mhux qed ngħid li l-Onor. Karol Aquilina bagħat lil xi ħadd. Dik jaraha hu. Imma iva ġew u jien diġà semmejt, b'dispjaċir ngħidha din, li wieħed minnhom qal hu stess min hu u veru kien qed isir kliem ta' theddid. Nikkonfermah.

**L-ISPEAKER:** Daqshekk kummenti, issa nara jien. Grazzi."

Is-Sedja vverifikat dak li fil-fatt intqal fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tat-18 ta' Frar 2020 u se tikkwota l-parti relevanti:

"**ONOR. KAROL AQUILINA:** Jista' s-Segretarju Permanenti jieqaf jipprova jissuġerixxi xi ħaġa?! Qed nistaqsik ...

**ONOR. ALEX MUSCAT:** X'qed jissuġerixxi eżattament? Jekk hemm bżonn, nistiednu lis-Segretarju Permanenti hawnhekk, u nistaqsuh ukoll!

**ONOR. KAROL AQUILINA:** M'hemmx għalfejn! Mhux qed nistaqsi lilu jien!

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Qed isiru asserzjonijiet ...

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Ħu paċenzja ...

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Le, le, ma nieħu pjeċir xejn! Ħu paċenzja inti, imma l-asserzjonijiet biex jiġu *recorded* għalxejn ...

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Mhux problema, mur itlob *ruling*! M'għandix diffikultà!

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Biex titilfu xi *ruling* ieħor!

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Jien ma niddejjaqx. Mingħand is-Sedja nippretendi affarijiet ta' (Interruzzjonijiet)

**ONOR. ALEX MUSCAT:** X'qed tgħid fuq l-Ispeaker? Li xiex? Li r-*rulings* huma ħżiena wkoll?

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Li ma naqbilx magħhom!

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Li r-*rulings* huma ħżiena. Ikkuntestahom! Meta jkunu kontrikom ma taqblux magħhom! (Interruzzjonijiet)

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Tgħid mhux se nitgħallem mingħandek dwar ir-*rule of law*! Inti tiddefendi lill-ministri korrotti!

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Inti se tgħallimna! Meta konna msakkrin hawn tibgħat lil ħuk jheddidna!

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Waħħal f'ħija issa. Qed nistaqsik: dan il-ftehim ta' *sponsorship* jew *marketing* x'kien? Tista' tispjega x'kien? Inti għidt li approvajt il-ħlas ta' €1 miljun dwaru. Tista' tispjega?

**IS-SUR BRYAN AZZOPARDI:** Le, m'għandix id-dettalji ta' dak il-kuntratt.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Imma x'kien? Xi ħaġa taf x'kien! Ma jistax ikun li ma tafx! X'kien jinvolvi?"

Is-Sedja qiegħda tifhem li l-Onor. Aquilina qiegħed jitlob lis-Sedja sabiex tara jekk dan il-każ jaqax taħt xi Ordni Permanenti jew huwiex każ ta' ksur ta' privileġġ.

Fil-konsiderazzjoni tagħha dwar il-punti mqajma, is-Sedja bdiet billi ħadet nota ta' meta ltaqa' l-Kumitat u f'dan ir-rigward ivverifikat li din il-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li ltaqgħet nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 bdiet fis-2.38 p.m. u spiċċat fl-4.00 p.m. jiġifieri qabel ma bdiet is-Seduta Parlamentari ta' dakinhar li fiha l-Onor. Aquilina kellu l-ewwel opportunità biex iqajjem il-każ.

Is-Sedja hawnhekk se tirreferi għall-Ordni Permanenti 36 li jgħid hekk:

"**36.** Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.

Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku."

Għaldaqstant fir-rigward tal-talba tal-Onor. Aquilina dwar ir-rimarki li għadda l-Onor. Alex Muscat fil-laqgħa tal-Kumitat, is-Sedja, kif marbuta bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, ma tista' tieħu l-ebda azzjoni għaliex l-ilment ma tqajjimx mal-ewwel opportunità.

Madankollu s-Sedja tinnota li fis-Seduta tad-19 ta' Frar 2020 l-Onor. Muscat reġa' kkonferma dak li qal fil-laqgħa tal-Kumitat fil-ġurnata ta' qabel u għaldaqstant is-Sedja se jkollha tidħol fil-mertu tal-każ.

Is-Sedja tibda billi tirreferi għall-Ordni Permanenti 60 li jgħid hekk:

"**60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha.

Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Is-Sedja rreferiet ukoll għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, senjatament għall-Artikolu 11 fejn dan jelenka dak li jkun jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att u se nikkwota l-paragrafu (b) tas-subinċiż (4) ta' dan l-Artikolu:

"(*b*) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt ta' l-insult jew tan-nuqqas

ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

Is-Sedja tixtieq tagħmilha ċara li minkejja li ħadet il-miżuri kollha possibbli biex id-drittijiet tal-Membri li jaqgħu taħt il-Kap 13 jiġu mħarsa, hija ma setgħet qatt tkun taf b'kull att li seta' twettaq waqt il-protesti li f'mumenti minnhom, kif jixhdu l-filmati, kienu anke vjolenti u li anke żammew numru ta' Membri milli joħorġu mill-binja tal-Parlament għal numru ta' sigħat. Dan l-aġir, b'mod lampanti, kien ukoll imur kontra d-dispożizzjonijiet taħt l-artikolu 11 u allura kien ukoll jikkostitwixxi reat kontra l-Kap 113. Dwar dan is-Sedja esprimiet ruħha b'mod ċar anke meta għamlet numru ta' dikjarazzjonijiet meta kontra x-xewqa tagħha kellha żżomm l-i*strangers gallery* magħluqa, anke bħala prevenzjoni u protezzjoni għall-Membri kollha biex ikunu jistgħu jkomplu bix-xogħol tagħhom fil-Parlament.

Is-Sedja tinnota wkoll li wara l-protesti u l-inċidenti deplorevoli li seħħew, ma kien hemm l-ebda Membru ta' din il-Kamra li qajjem xi każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ kontra xi Membru ta' din il-Kamra jew persuna mill-pubbliku.

Għaldaqstant is-Sedja se terġa' titlob lill-Onor. Alex Muscat sabiex jew jiċċara d-diskors li qal jew jirtirah. Dan għaliex, kif espress diversi drabi mis-Sedja, Membru ta' din il-Kamra ma jistgux jiġu attribwiti lilu mottivi ulterjuri liema azzjoni tiġi tammonta għal nuqqas ta' qima lejn l-istess Membru. Kif dikjarat diversi drabi minn diversi Speakers, hemm proċeduri parlamentari speċifici li jaħsbu għall-mod kif Membru jista' jagħmel dan, fosthom permezz ta' mozzjoni li telenka r-raġunijiet għalfejn il-Kamra għandha tirriżolvi li tieħu azzjoni jew tesprimi nuqqas ta' fiduċja f'Membru u kif ukoll billi jitressaq każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Minkejja li s-Sedja tifhem li s-sentenza li qal l-Onor. Muscat waqt il-laqgħa tal-Kumitat kienet f'mument ta' battibekk sħun bejn il-Membri fejn immedjatament qabel, anke kienu qiegħdin isiru ċertu allegazzjonijiet fuq Ministri u nikkwota lill-Onor. Aquilina meta qal hekk:

> **"ONOR. KAROL AQUILINA:** Tgħid mhux se nitgħallem mingħandek dwar ir-*rule of law*: Inti tiddefendi lill-ministri korrotti:"

is-Sedja xorta ma tistax tqis li l-kumment tal-Onor. Muscat fil-konfront ta' Membru identifikabbli, u ċjoè tal-Onor. Aquilina, jista' jitqies li jaqa' taħt dak li ġieli kemm is-Sedja kif ukoll Speakers preċedenti rreferew għalih bħala *political bickering.*

Is-Sedja tinnota li għalkemm huwa veru li l-Onor. Alex Muscat, f'dak li kien attribwit lilu mill-Onor. Karol Aquilina, u ċjoè li huwa jiddefendi lill-Ministri korrotti, jikkwalifika bħala kliem mhux xieraq kontra l-karattru tiegħu u dan bi ksur tal-Ordni Permanenti 60, tinnota wkoll li l-Onor. Muscat ma talabx lis-Sedja biex tieħu passi kontra l-Onor. Aquilina.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, is-Sedja se titlob lill-Onor. Alex Muscat biex qabel ma nkompli naqra r-Ruling jirtira d-diskors "tibgħat lil ħuk jheddidna".

> **ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, inti aktar qabel staqsejtni jekk għandix niċċara dan id-diskors. Kif aċċennajt tajjeb inti, jien, li flimkien ma' kollegi oħra tiegħi, għaddejt minn dik is-sitwazzjoni, deherli li fl-istess ġurnata l-kollega l-Onor. Karol Aquilina kien anke parti minn dik id-dimostrazzjoni u deherli li l-persuna in kwestjoni, li mhuwiex id-Deputat imma huwa ħu d-Deputat, kellu *ear piece* f'widnejh u jidher li

kien qiegħed jieħu *instructions* minn xi ħadd, ħsibt – qed inkun ċar fid-diskors tiegħi – li kien mibgħut minn xi ħadd. U jien *by association* ħsibt li kien bagħtu l-Onor. Karol Aquilina. Jien nifhem, anke mir-*ruling* li talab hu stess, li l-Onor. Karol Aquilina ddiżassoċja ruħu, jiġifieri qal b'mod ċar li ma kienx hu li bagħat lil ħuh biex jheddidna u allura fiċ-ċirkostanzi – għalkemm xi ħadd bagħtu - qed nagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-kollega tiegħi li ma kienx hu li bagħtu.

Mela qed neħodha li qed tirtira d-diskors li għedt fil-konfront tal-Onor. Karol Aquilina, li bagħat lil ħuh jhedded lilek jew lill-membri. Grazzi.

Ladarba l-kliem ġie rtirat, is-Sedja xorta terġa' tfakkar li r-regoli tal-Kamra, għalkemm jipprovdu għall-proċedura parlamentari li għandha tintuża f'każ meta Membru jkun irid iressaq ilment kontra Membru ieħor tal-Kamra, is-Sedja terġa' għal darb' oħra – u din nagħmilha b'mod qawwi għax ili nibgħat dawn il-kawteli – tenfasizza l-importanza li l-Membri tal-Kamra għandhom dejjem juru rispett lejn xulxin u dan fl-osservanza tal-istess regoli tal-Kamra kif ukoll b'rispett lejn l-istituzzjoni tal-Parlament. Nirringrazzjakom.

Ir-*ruling* huwa deċiż.